KLR 45/V/2009

Minuti tal-laqgħa b'urġenza li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 1 ta' April 2009 fil-10.00 ta' filgħodu.

PREŻENIT: Is-Sindku Robert Tabone, il-membri Joe Debrincat, Josef Schembri, Josephine Cassar, Marcell Tabone u s-Segretarja Eżekuttiva Miriam Attard. Minn naħħa ta' l-*contracts managers* ta' dawl tat-toroq kien hawn preżenti l-Eng. Renzo Curmi.

SKUŻATI: Il-Viċi Sindku Victor Galea Pace u l-membru Michel Buttiġieġ.

Intqalet talba.

**1. Offerta tad-dawl ta' Pjazza San Ġorġ**

Is-Sindku qal li ssejħet din il-laqgħa b'urġenza minħabba l-fatt li saret kontestazzjoni minn naħħa Silvio Bartolo għan-nom tal-kumpanija Light Projects Ltd. Dan bagħat korripondenza lid-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti u lid-Direttur għal-Gvern Lokali li tgħid li l-offerta li nħarġet fir-rigward tas-sistema tad-dawl għall-Pjazza San Ġorġ issemmew dwal ta' ditti partikolari. Is-Sindku tenna li d-Direttur għal Gvern Lokali ġie nfurmat li ssejħet din il-laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar il-materja. L-ispeċifikazzjonijiet tad-dokument ta' l-offerta ġew imħejjija minn Stefano d'Alosso li hu *sub-contractor* ta' GaleaCumri Eng. Consultants Ltd. Il-membri qablu li s-Sur D'Alosso għandu jibgħat bil-miktub l-ispjegazzjoni tiegħu.

Wara li d-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti jiġi mgħarraf bil-proċedura li ttieħdet, il-membri qablu li l-Kunsill għandu jimxi skond il-parir mogħti minnu.

**2. Offerta għall-akkomodazzjoni tal-grupp minn Nichelino.**

Infetħu l-offerti sabiex tiġi provduta l-akkomodazzjoni għall-grupp minn Nichelino li ser jiġu biex ikunu preżenti waqt l-iffirmar tal-ġemellaġġ. Ara dokument A fejn hemm il-prezzijiet offruta. Il-membri qablu li jiġu riservati 30 kamra fil-Lukanda Downtown u 40 kamra fil-Lukanda Calypso.

### *3. Healthy Village Weekend*

Is-Sindku ressqa il-programm ta' din l-attivita' għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ara dokument B anness. Ir-rekalmi li nġabru s'issa huma :- €2,500 mill-Kunsill Malti għall-iSport, €1,000 mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, €500 mill-Ministeru għall-Għawdex, €1,000 mill-Banif Bank, €500 mill-HSBC, €500 mingħand Nutrition Malta u €250 mingħand Organika. Dawn ir-reklami għandhom ikopru l-ispejjes kollha ta' din l-attivita'. Barra minn hekk l-EUPA ser tieħu ħsieb l-istampar tal-*leaflets* promozzjonali, il-kumpannija SportsMania se tagħti vouchers ta' €5.00 lil kull tifel u tifla li se jipparteċipaw, kif ukoll il-kumpannija TuttoSport se tagħti T-shirt lil kull tifel u tifla li jipparteċipaw.

Il-laqgħa spiċċat fin-nofs siegħa ta' wara nofs in-nhar.

| | |
|---|---|
| Robert Tabone | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |